MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2024

Rikors Kostituzzjonali Numru 786/2021 LM

**Toufik Boumaaza**
**Numru tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni 19WW-050**

***vs*.**

**L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali**
**u**
**Il-Ministru tal-Intern, Sigurtà Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi**
**u**
**It-Tribunal tal-Appell għall-Protezzjoni Internazzjonali**
**u**
**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-rikors kostituzzjonali ppreżentat fit-3 ta' Diċembru, 2021, mir-rikorrent **Toufik Boumaaza (Numru tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni 19WW-050)**

[minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'] kontra l-intimati **l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, il-Ministru tal-Intern, Sigurtà Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi, it-Tribunal tal-Appell għall-Protezzjoni Internazzjonali u l-Avukat tal-Istat** [minn issa 'l quddiem rispettivament 'l-Aġenzija intimata', 'il-Ministru intimat', 'it-Tribunal intimat', u 'l-intimat Avukat tal-Istat', u flimkien 'l-intimati'] li jgħid kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

*1. Illi l-esponenti wasal hawn Malta b'mod illegali nhar it-23 ta' Novembru 2019 permezz tal-baħar mill-Libja u dan stante illi l-ħajja tiegħu ġewwa l-Marokk kienet reża impossibbli u ta' periklu imminenti għal ħajtu, kif jidher mir-rakkont tiegħu hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok TB1****.*

*2. Illi l-esponenti mal-wasla tiegħu ġewwa Malta intavola applikazzjoni mal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali sabiex jingħata status ta'* Asylum Seeker.

*3. Illi l-Esponenti wara li inħarġet id-deċiżjoni mit-tribunal sovra indikat, kopja hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok TB2*** *ma kellux rimedju ieħor għajr li jintavola dawn il-proċeduri quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

*4. Illi kif ser jiġi trattat waqt dawn il-proċeduri jekk l-esponenti jintbgħat lura lejn il-Marokk huwa se jkun soġġett għal preġudizzju irrimedjabbli u hemm riskju serju li jsofri trattament inuman u degradanti, b'periklu għal-ħajjtu u saħħtu;*

*5. Li fl-eventwalità li r-rikorrenti jintbagħat lura fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu ser ikun hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu u ċioe' artikoli 32, 33, 36, 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll artikoli 1, 2, 3, 5, 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*6. Illi l-preġudizzju li l-esponenti ser ikun qiegħed jiġi espost għalih huwa ta' natura permanenti u rreparabbli u għalhekk jinħtieġ l-azzjoni u l-protezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fl-applikazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*Tiddikjara illi l-passat akkadut tal-esponenti huwa raġuni valida sabiex iservi u jiġi kkonsidrat sabiex ikollu l-possibiltà li jirrisjedi f'dawn il-Gżejjer b'mod regolari.*

*Tordna u tiddeċiedi illi d-deċiżjoni meħuda mit-Tribunal tal-Appell għall-Protezzjoni Internazzjonali ta' nhar il-21 ta' April 2021 tmur kontra d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti f'artikoli 32, 33, 36, 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll Artikoli 1, 2, 3, 5, 6, u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Tordna s-sospensjoni ta' kwalunkwe ordni ta' ħruġ minn Malta jekk ikun il-każ, sakemm jiġu eżawriti dawn il-proċeduri.*

*Tordna li l-esponenti għalhekk jibqa' jirrisjedi ġewwa Malta u tordna l-ħruġ ta' dokumenti neċessarji sabiex l-esponenti jkun jista' jirrisjedi b'mod regolari."*

2. Rat ir-risposta tal-Aġenzija intimata, tal-Ministru intimat u tal-Avukat tal-Istat intimat ippreżentata fid-29 ta' Diċembru, 2021, fejn wieġbu kif ġej:

*"Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponenti hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*Illi l-ilment tar-rikorrent huwa fis-sens illi* "d-decizjoni meħuda mit-tribunal tal-aġenzija għall-protezzjoni internazzjonali ta' nhar it-21 ta' April 2021 tmur kontra d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti f'artikoli 32, 33, 36, 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll artikoli 1, 2, 3, 5, 14 tal-Konvenzjoni Ewropea" *u għalhekk apparti din it-talba għal ksur r-rikorrent qed jitlob lill dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-passat akkadut tar-rikorrent hija raġuni valida sabiex iservi u jiġi kkunsidrat sabiex ikollu l-possibilità illi jirrisjedi fil-gżejjer Maltin b'mod regolari u tordna illi r-rikorrent jibqa' jirrisjedi ġewwa Malta inkluż il-ħruġ ta' dokumenti neċessarji sabiex jirrisjedi b'mod regolari b'talba ukoll għal sospensjoni għal kwalunkwe ordni ta' ħruġ fil-konfront tar-rikorrent;*

*Illi l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti :-*

1. *Illi in linea preliminari, l-għoti jew ċaħda ta'* status *ta' refugjat (ai termini tal-Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta) ma taqax fil-mansjonijiet u r-responsabbilitajiet tal-Avukat tal-Istat u tal-Ministru tal-Intern, Sigurtà Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi li konsegwentement mhumiex il-leġittimi kontraditturi għat-talbiet tar-rikorrent u għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju oltre l-fatt li a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) l-Kap in kariga tal-materja in kwistjoni għandu jirrispondi għal talbiet ġudizzjarji;*

2. *Illi in linea preliminari ukoll jiġi eċċepit li rikorrent naqas milli jutilizza rimedju ordinarju effettiv u aċċessibbli li jagħtih il-liġi u ċioe' azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso għall-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta* stante *non-eżawriment ta' mezzi ordinarji ta' rimedju;*

3. *Illi l-esponent Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali teċċepixxi illi t-tieni talba tar-rikorrent hija rriċevibbli* stante *illi ma teżisti ebda deċiżjoni tat-Tribunal tal-Aġenzija għal-Protezzjoni Internazzjonali (fn. 1 In-Nomenklatura korretta tat-Tribunal huwa It-Tribunal tal-Appelli Għal Protezzjoni Internazzjonali) li ġġib id-data tal-21 ta' April 2021 u kwindi dina l-Onorabbli Qorti ma tistax tordna illi deċiżjoni ta' entità/organu kważi ġudizzjarju illi lanqas biss teżisti tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent (fn. 2 Id-deċiżjoni tal-IPAT hija datata 28 ta' April 2021);*

4. *Illi l-esponent Aġenzija teċċepixxi illi l-ewwel u r-raba' talba huma improponibbli* stante *illi l-proċeduri Kostituzzjonali m'humiex intiżi sabiex iservu bħala Qorti tat-tielet istanza u kwindi jirrevokaw l-poter illi l-awtoritajiet ġew mogħtija bil-liġi. Din l-azzjoni m'hija xejn ħlief* arm twisting *min-naħa tar-rikorrent illi qiegħed jittenta jieħu dak li jrid a skapitu tad-deċiżjoni illi l-awtorità kompetenti ħadet wara proċess amministrattiv magħmul skont il-liġi viġenti;*

5. *Illi l-esponenti jeċepixxi illi fir-rigward tat-tielet talba, l-intimati mhumiex l-awtoritajiet/aġenziji kompetenti sabiex joħorġu ordni ta' ħruġ minn Malta u kwindi lanqas din it-talba ma tista' tintlaqa' fil-konfront tagħhom;*

6. *Illi l-esponent Aġenzija teċepixxi illi l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta mhuwiex artikolu azzjonabbli ai termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni* stante *illi ma jifformax parti mill-artikoli azzjonabbli għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u ċjoe l-artikoli 33-45 tal-Kostituzzjonali. Kwindi, it-talba għal dikjarazzjoni ta' ksur fir-rigward tal-artikolu 32 hija improponibbli* ab initio *u qatt ma tista' tiġi akkolta. L-istess jingħad għal talba ta' leżjoni tal-artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

7. *Illi fir-rigward tal-invokar ta' leżjoni tal-artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli rispettivi fil-Konvenzjoni Ewropea (artikolu 2 u 3), l-esponent Aġenzija tissottometti illi kif kkonkludiet fir-rapport tagħha wara diversi intervisti mar-rikorrent ma kien hemm ebda theddida fuq il-ħajja u sigurtà tar-rikorrent jekk*

*jirritorna lura f'pajjiżu u dan kif stabbilit fid-deċiżjoni tal-aġenzija datata 21 ta' April 2021;*

8. *Illi fir-rigward tal-invokar ta' leżjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu rispettivi fil-Konvenzjoni Ewropea (artikolu 14), l-esponent aġenzija tissottometti illi r-rikorrent ma ġie rinfaċċjat b'ebda diskriminazzjoni. L-aġenzija twettaq ix-xogħol abbażi ta' liġi u ta' sorsi internazzjonali tagħha fil-konfront ta' mijiet ta' applikanti minn għexiren ta' pajjiżi differenti u tieħu d-deċiżjonijiet tagħha abbażi tal-istess liġi u sorsi internazzjonali. Għaldaqstant din l-alleg-azzjoni mhux talli hija invertiera imma talli hija fiergħa u vessatorja u intiża sabiex titfa' dell ikrah fuq l-operat tal-aġenzija, ħaġa illi l-esponent ma taċċettax u li għandha tiġi kkundannata minn dina l-Onorabbli Qorti;*

9. *Illi l-esponenti jeċepixxu illi fir-rigward tal-invokar tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea li tikkonċerna l-libertà tal-bniedem, l-esponenti jeċepixxi illi anki t-talba għal leżjoni ta' dan l-artikolu huwa improponibbli* stante *illi l-esponenti mhumiex iżommu lir-rikorrent kontra l-volontà tiegħu;*

10. *Illi d-deċiżjoni tal-esponent Aġenzija mogħtija fil-21 ta' April 2021 fir-rigward saret abbażi tal-liġijiet viġenti u abbażi prassi amministrattivi assodati;*

11. *Illi l-esponenti* International Protection Agency *teċepixxi illi hija mogħnija bil-Liġi illi tapplika l-kriterja ta' "manifestament infondata" abbażi tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 420 tal-Liġijiet ta' Malta liema artikoli jemanu mid-dritt Ewropew u li qatt ma ġew dikjarati anti kostituzzjonali; (fn. 3 Vide artiklu 31 (8) u artiklu 46 tal-*Asylums Procedure Directive (DIRECTIVE 2013/32/EU OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL of 26 June 2013 on common procedures for granting and withdrawing international protection (recast))

12. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak li ngħad aktar kmieni f'din ir-risposta, l-esponenti jissottomettu li l-proċeduri l-Aġenzija intimata ma huma mtappna mill-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali. Il-proċeduri quddiem awtorità amministrattiva bħall-intimata aġenzija mhumiex* adversarial *u l-istess aġenzija mhijiex tribunal jew Qorti;*

13. *Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda;*

14. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

15. *Bl-ispejjeż."*

3. B'digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Settembru, 2022, ġiet milqugħa t-talba tar-rikorrent, u ordnat il-korezzjonijiet mitluba minnu għar-rikors promotur fejn kellu jiġi miżjud ukoll bħala konvenut fil-proċeduri t-Tribunal intimat, li fit-3 ta' Ottubru, 2022, wieġeb kif ġej :

*"Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponenti hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin :*

*Illi l-ilment tar-rikorrent huwa fis-sens illi* "d-deċizjoni meħuda mit-tribunal tal-agenzija għal-protezzjoni internazzjonali ta' nhar it-21 ta' April 2021 tmur kontra d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti f'artikoli 32, 33, 36, 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll artikoli 1, 2, 3, 5, 14 tal-Konvenzjoni Ewropea" *u għalhekk apparti din it-talba għal ksur r-rikorrent qed jitlob lill dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-passat akkadut tar-rikorrent hija raġuni valida sabiex iservi u jiġi kkunsidrat sabiex ikollu l-possibilità illi jirrisjedi fil-gżejjer Maltin b'mod regolari u tordna illi r-rikorrent jibqa' jirrisjedi ġewwa Malta inkluż il-ħruġ ta' dokumenti neċessarji sabiex jirrisjedi b'mod regolari b'talba ukoll għal sospensjoni għal kwalunkwe ordni ta' ħruġ fil-konfront tar-rikorrent;*

*Illi l-esponenti jissottomettu li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti :-*

1. *Illi in linea preliminari, l-esponenti mhuwiex il-leġittimu kontradittur u dan ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta; (fn. 1 Vide Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet "Wasim Rakib vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati" tas-26 ta' Frar 2017 (788/2015MCH);*
2. *Illi in linea prelminari ukoll jiġi eċċepit li rikorrent naqas milli jutilizza rimedju ordinarju effettiv u aċċessibbli li jagħtih il-liġi u ċioe' azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-poteri tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso għall-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta* stante *non-eżawriment ta' mezzi ordinarji ta' rimedju;*
3. *Illi l-esponent jeċepixxi illi t-tieni talba tar-rikorrent hija rriċevibbli* stante *illi ma teżisti ebda deċiżjoni tat-Tribunal tal-Aġenzija għal-Protezzjoni Internazzjonali (fn. 2 In-Nomenklatura korretta tat-Tribunal huwa It-Tribunal tal-Appelli Għal Protezzjoni Internazzjonali) li ġġib id-data tal-21 ta' April 2021 u u kwindi dina l-*

*Onorabbli Qorti ma tistax tordna illi deċiżjoni ta' entità/organu kważi ġudizzjarju illi lanqas biss teżisti tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent (fn. 3 Id-decizjoni tal-IPAT hija datata 28 ta' April 2021);*

4. *Illi l-esponent Aġenzija teċepixxi illi l-ewwel u r-raba' talba huma improponibbli* stante *illi l-proċeduri Kostituzzjonali mhumiex intiżi sabiex iservu bħala Qorti tat-tielet istanza u kwindi jirrevokaw l-poter illi l-awtoritajiet ġew mogħtija bil-liġi. Din l-azzjoni m'hija ħlief xejn ħlief* arm twisting *min-naħa tar-rikorrent illi qiegħed jittenta jieħu dak li jrid a skapitu tad-deċiżjoni illi l-awtorità kompetenti ħadet wara proċess amministrattiv magħmul skont il-ligi viġenti;*

5. *Illi l-esponenti jeċepixxi illi fir-rigward tat-tielet talba, l-intimati mhumiex l-enti ġudikanti kompetenti sabiex joħroġ ordni ta' ħruġ minn Malta u kwindi lanqas din it-talba ma tista tintlaqa' fil-konfront tiegħu;*

6. *Illi l-esponent jeċepixxi n-nuqqas ta' applikabbilità tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-każ odjern* stante *illi applikazzjoni għas-status ta' refuġjat ma jinkwadrax* in the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him; *(fn. 4* Di fatti l-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ripetutament irriteniet li l-artikoli invokati mill-appellanti ma japplikawx għal talbiet għal status ta' refuġjat (ECHR Maaouia v. France, GC, 5 ta' Ottubru, 2000, #38-#39; ECHR Mamatkulov v. Turkey, 6 ta' Frar 2003, #80; ECHR Tahari Kandomabadi v. Netherlands, Dec. Amm. 29 ta' Ġunju 2004; ECHR Katani v. Germany, Dec. Amm., 31 ta' Mejju 2001, En Droit #4) u dan peress li f'materja bħal din ma hemmx id-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili. Dan huwa wkoll l-insenjament tal-Qorti tagħna u ċioe' li "Asylum proceedings under our law are and remain essentially administrative proceedings, and the right granted in sub-article (9) of article 8 of Chapter 420 to apply for constitutional redress does not mean that those proceedings, whether before the Commissioner or the Board, are proceedings leading to a determination of a civil right or obligation within the meaning of Article 6(1) of the Convention and Article 39(3) of the Constitution." (Qorti Kost Dr. Muhammed Mokbel Elbakry v. Onor. Prim Ministru et 29 ta' Mejju 2009; ara wkoll Prim'Awla Qorti Ċivili Hekmat Mohammed Moatti El Fraie v. L-Onor. Prim Ministru et. 13 ta' Lulju 2007).

7. *Illi l-esponent jeċepixxi illi l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta mhuwiex artikolu azzjonabbli ai termini tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni* stante *illi ma jifformax parti mill-artikoli azzjonabbli għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u ċjoe l-artikoli 33-45 tal-Kostituzzjonali. Kwindi, it-talba għal dikjarazzjoni ta' ksur fir-rigward tal-artikolu 32 hija improponibbli* ab initio *u qatt ma tista' tiġi*

*akkolta. L-istess jingħad għal talba ta' leżjoni tal-artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

8. *Illi l-esponent jeċepixxi illi fir-rigward tal-invokar tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea li tikkonċerna l-libertà tal-bniedem, l-esponenti jirrileva illi anki t-talba għal leżjoni ta' dan l-artikolu huwa improponibbli* stante *illi l-esponenti mhuwiex iżomm lir-rikorrent kontra l-volontà tiegħu;*

9. *Illi jsegwi li l-lanjanzi u t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda;*

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri ;*

11. *Bl-ispejjeż."*

4. Permezz tas-sentenza *in parte* tat-8 ta' Marzu, 2023, din il-Qorti ċaħdet it-tieni eċċezzjoni sollevata mill-intimati, u ordnat il-prosegwiment tal-proċeduri, filwaqt li rriżervat li tipprovdi dwar l-ispejjeż fis-sentenza finali tagħha.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tar-rikorrenti u tal-intimati.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2023, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

5. Ir-rikorrent iddikjara li huwa wasal hawn Malta illegalment fit-23 ta' Novembru, 2019, wara vjaġġ fuq il-baħar mil-Libja, għaliex fil-Marokk huwa kellu ħajtu reża mpossibbli u fil-periklu imminenti. Sussegwenti għall-wasla

tiegħu f'Malta, huwa ppreżenta applikazzjoni fis-17 ta' Ġunju, 2020, mal-Aġenzija intimata sabiex jingħata *status* ta' persuna li qed tfittex l-ażil, iżda din ġiet irrifjutata fil-21 ta' April, 2021. Imma r-rikorrent jirrileva li jekk huwa jintbagħat lura lejn pajjiżu, huwa ser ikun soġġett għal preġudizzju irrimedjabbli fejn hemm riskju li huwa saħansitra ser isofri minn trattament inuman u degradanti, li jkun b'periklu għal ħajtu u għal saħħtu. Isostni li dan kollu kien ser iwassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti mill-artikoli 32, 33, 36, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'il-Kostituzzjoni'] u anki mill-Artikoli 1, 2, 3, 5, 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [minn issa 'l quddiem 'il-Konvenzjoni']. Jiddikjara li dan kollu kien ser ikun ta' preġudizzju permanenti u irreparabbli, u għalhekk kien hemm bżonn l-azzjoni u l-protezzjoni ta' din il-Qorti għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Għal dawn ir-raġunijiet huwa ppreżenta l-proċeduri odjerni.

6. Min-naħa tagħhom l-Aġenzija intimata, il-Ministru intimat u l-Avukat tal-Istat intimat eċċepew kif ġej: (a) il-Ministru intimat u l-Avukat tal-Istat intimat mhumiex leġittimi kontradittturi, għaliex l-għoti jew ċ-ċaħda tal-i*status* ta' refuġjat *ai termini* tal-Kap. 420, ma kienux jagħmlu parti mir-responsabbiltajiet tagħhom, u dan fejn skont l-artikolu 181B tal-Kap. 12 għandu jwieġeb il-Kap fil-kariga tal-materja in kwistjoni; (b) ir-rikorrent naqas milli jipproċedi *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap. 12[1]; (ċ) l-Aġenzija intimata tgħid li t-tieni talba tar-rikorrent ma tistax tintlaqa' għaliex m'hemm l-ebda deċiżjoni kif jingħad bid-data tal-21 ta' April, 2021; (d) l-Aġenzija intimata teċċepixxi wkoll li l-ewwel u r-

[1] Din l-eċċezzjoni ġiet deċiża permezz tas-sentenza *in parte* tal-Qorti tat-08.03.2023.

raba' talba tar-rikorrent huma improponibbli għaliex din il-Qorti mhijiex intiża sabiex isservi bħala qorti tat-tielet istanza; (e) dwar it-tielet talba, huma mhumiex l-awtoritajiet/aġenziji kompetenti sabiex jirrilaxxjaw ordni ta' ħruġ minn Malta; (f) l-Aġenzija intimata teċepixxi li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni mhuwiex azzjonabbli skont l-artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni, u l-istess ukoll l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni; (ġ) għar-rigward tal-allegat ksur tal-artikoli 33 u 36 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 2 u 3 tal-Konvenzjoni, kif ġie dikjarat fir-rapport tal-Aġenzija intimata, ma kien hemm l-ebda theddida fuq il-ħajja u s-sigurtà tar-rikorrent jekk dan imur lura lejn pajjiżu; (g) għar-rigward tal-allegat ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent; (għ) għar-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, it-talba hija improponibbli għaliex huma mhumiex qegħdin iżommu lir-rikorrent kontra l-volontà tiegħu; (ħ) id-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata ttieħdet skont il-liġijiet viġenti u l-prassi amministrattiva assodata; (h) l-Aġenzija intimata għandha s-setgħa skont il-liġi li tapplika l-kriterju ta' *'manifestament infondata'* skont l-artikolu 2 tal-Kap. 420, liema artikoli tiegħu qatt ma ġew iddikjarati li huma anti-kostituzzjonali; (i) il-proċeduri tal-Aġenzija intimata ma kissru l-ebda drittijiet fundamentali, u bħal kull proċeduri oħra quddiem awtorità amministrattiva bħal m'hija l-istess Aġenzija intimata li mhijiex tribunal jew Qorti, mhumiex *adversarial;* (j) l-ilmenti u t-talbiet tar-rikorrent għalhekk għandhom jiġu miċħuda; (k) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

7. It-Tribunal intimat wieġeb kif ġej: (a) huwa mhuwiex leġittimu kuntradittur *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kap. 12; (b) ir-rikorrent naqas milli

jipproċedi *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 [2]; (ċ) it-tieni talba tar-rikorrent ma tistax tintlaqa' għaliex m'hemm l-ebda deċiżjoni kif jingħad bid-data tal-21 ta' April, 2021; (d) l-ewwel u r-raba' talba tar-rikorrent huma improponibbli għaliex din il-Qorti mhijiex intiża sabiex isservi bħala qorti tat-tielet istanza; (e) dwar it-tielet talba, huwa mhuwiex l-enti ġudikanti kompetenti sabiex jirrilaxxja ordni ta' ħruġ minn Malta; (f) l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, mhumiex applikabbli għall-każ odjern; (ġ) l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni mhux azzjonabbli skont l-artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni, u l-istess ukoll l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni; (ġ) għar-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, it-talba hija improponibbli għaliex huma mhumiex qegħdin iżommu lir-rikorrent kontra l-volontà tiegħu; (ħ) l-ilmenti u t-talbiet tar-rikorrent għalhekk għandhom jiġu miċħuda; (i) salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

8. Flimkien mar-rikors promutur, ir-rikorrent ippreżenta kopja tat-traskrizzjoni tal-intervista li saritlu mill-intimata Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, dwar l-applikazzjoni tiegħu sabiex jingħata protezzjoni internazzjonali.[3] F'din l-intervista r-rikorrent spjega li huwa kien qiegħed japplika għal protezzjoni minħabba f'kunflitt antik li hemm fil-Marokk, il-pajjiż tal-oriġini tiegħu, li kien beda fl-1973 u li għadu għaddej sallum. Ir-rikorrent qal li s-sitwazzjoni preżenti fil-Marokk u l-involviment tiegħu fi grupp politiku partikolari, jfissru li f'pajjiżu huwa la għandu tgawdija tal-libertà u lanqas ma jingħata opportunitajiet ta' xogħol. Qal ukoll li huwa attivist politiku fi grupp

[2] Din l-eċċezzjoni ġiet deċiża permezz tas-sentenza *in parte* tal-Qorti tat-08.03.2023.
[3] *A fol.* 4 tal-proċess.

partikolari, u meta kien għadu f'pajjiżu huwa ppartecipa f'diversi protesti paċifiċi sabiex jitlob rikonoxximent ta' drittijiet għal persuni ġejjin mis-Sahara tal-Punent. Ir-rikorrent qal li huwa spiċċa fil-mira tal-awtoritajiet Marokkini minħabba fl-attiviżmu tiegħu, u għalhekk tilef diversi opportunitajiet ta' xogħol, u jinsab imċaħħad mid-dinjità u mil-libertà tiegħu. Ir-rikorrent esprima l-biżgħa tiegħu li jekk jirritorna fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu huwa jiġi arrestat, u qal li l-uniku post fejn huwa jista' jgħix b'mod sigur, Tindouf, hemm kriżi umanitarja minħabba nuqqas ta' ikel u xorb. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa ma setax jitlaq mill-Marokk b'mod leġittimu, u kien għalhekk li huwa wasal Malta illegalment. Ir-rikorrent ippreżenta kopja tad-deċiżjoni mibgħuta lilu mill-*International Protection Agency* bid-data tal-21 ta' April, 2021[4], fejn huwa ġie mgħarraf li:

> "*Based on the assessment conducted regarding your application for international protection and the evidence available at the time of writing, the International Protection Agency concluded that your application fails to meet the inclusion criteria for both refugee status and subsidiary protection status, and therefore has decided that your application is **REJECTED AS MANIFESTLY UNFOUNDED**. For more details regarding the reasons for this decision, kindly refer to the assessment regarding your application for international protection ...*".

L-imsemmi *assessment* ġie mibgħut lir-rikorrent, u kopja tiegħu ġiet esebita minnu fl-atti ta' din il-kawża[5], minn fejn jirriżulta li fid-deċiżjoni tagħha l-Aġenzija intimata kkunsidrat li r-rikorrent kien evażiv u ġeneriku fir-risposti li huwa ta waqt l-intervista li saritlu. Hekk per eżempju ngħad li r-rikorrent ma tax dettalji suffiċjenti dwar il-parteċipazzjoni tiegħu fil-grupp politiku bl-isem 'Polisario', u wera nuqqas ta' għarfien dwar dan il-grupp politiku. Fl-imsemmi *assessment* ġie konkluż li r-rikorrent ma kienx kredibbli meta qal li kien qiegħed

[4] *A fol.* 10 tal-proċess.
[5] *A fol.* 11 tal-proċess.

jiġi segwit mill-awtoritajiet Marokkini minħabba fil-parteċipazzjoni tiegħu fil-grupp 'Polisario', u minħabba fil-parteċipazzjoni tiegħu f'diversi protesti paċifiċi. Fl-imsemmi *assessment* ingħad li r-rikorrent m'għarafx iwieġeb dwar kif huwa sar jaf li kien qiegħed jiġi segwit, jew kif ħbieb tiegħu saru jafu li l-awtoritajiet Marokkini kienu qegħdin isegwuhom, u r-rikorrent naqas ukoll milli jagħti dettalji dwar x'informazzjoni ngħata minn sħabu sabiex wasal għall-konklużjoni li l-awtoritajiet Marokkini kienu qegħdin isegwuh. Fil-parti konklussiva tal-*assessment,* ingħad li ladarba l-fatti materjali ma ġewx stabbiliti, m'hemm l-ebda probabbilità (*likelihood*) li f'każ li r-rikorrent jintbagħat lura f'pajjiżu dan ser ikun suġġett għal trattament li jista' jammonta għal persekuzzjoni jew għal dannu serju. Finalment ingħad li l-applikazzjoni tar-rikorrent kienet qiegħda tiġi rifjutata għaliex huwa ġej minn pajjiż tal-oriġini sigur, kif ukoll għaliex huwa għamel rappreżentazzjonijiet inkonsistenti u kontradittorji, qarrieqa jew improbabbli, u għalhekk ma kkonvinċiex lill-awtoritajiet li huwa jikkwalifika bħala benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali.

9. Permezz ta' nota ppreżentata fil-25 ta' Jannar, 2022, ir-rikorrent ippreżenta ċertifikat mediku maħruġ mill-konsulent psikjatriku Dr Beppe Micallef Trigona, li jgħid li huwa qiegħed isofri minn *post-traumatic stress disorder* minħabba fi trawma li sofra fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu, u huwa u jivvjaġġa lejn Malta.[6]

[6] *A fol.* 23 tal-proċess.

10. Waqt l-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2022, xehdet **Charmaine Bugeja**, Assistent Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, li kkonfermat li l-kawża odjerna hija l-unika proċedura mibdija mir-rikorrent fil-konfront tal-intimati.[6]

11. Waqt l-udjenza tad-19 ta' April, 2023, xehdet l-Avukat **Sarah Ezebe**, prodotta mir-rikorrent. Spjegat li hija kienet taħdem mal-Aġenzija intimata bħala avukat, u kkonfermat li r-rikorrent kien ippreżenta l-applikazzjoni tiegħu lill-imsemmija Aġenzija intimata fit-13 ta' Jannar, 2020, filwaqt li d-deċiżjoni fuq dik l-applikazzjoni ttieħdet fil-21 ta' April, 2021. Ikkonfermat li mill-*file* kien jirriżulta li kienet saret intervista waħda mar-rikorrent fis-17 ta' Ġunju, 2020, u l-proċess li kien għadda minnu, kien wieħed li kien jgħaddi minnu kull applikant ieħor. Ix-xhud kompliet tispjega li l-assessjar isir minn *case worker,* u d-deċiżjoni finali kienet tittieħed miċ-*Chief Executive Officer.* Qalet li fil-każ odjern, id-deċiżjoni kienet li l-applikazzjoni kienet '*manifestly unfounded',* u li din kienet differenti minn deċiżjoni fejn l-applikazzjoni tiġi riġettata, għaliex il-proċess imbagħad kien wieħed aċċelerat billi l-*file* jintbagħat lit-Tribunal għall-evalwazzjoni u deċiżjoni finali tiegħu.

13. Waqt l-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2023, xehed **Charles Cassar**, prodott mir-rikorrent. Huwa ppreżenta kopja tad-deċiżjoni tat-Tribunal li ġiet immarkata Dok. CC1.[7]

14. Permezz ta' nota tad-29 ta' Mejju, 2023, ir-rikorrent ippreżenta kopja ta' dokument intestat *'Comments on Bill NO. 133 Refugees (Amendments) Bill.'*[8]

[7] *A fol.* 101 tal-proċess.
[8] *A fol.* 89 tal-proċess.

15. Waqt l-udjenza tal-24 ta' Mejju, 2023, xehed l-**Avukat Neil Falzon**, prodott mir-rikorrent. Spjega li huwa avukat u direttur tal-NGO Aditus li l-għan tagħha huwa li titjieb il-kwalità tad-drittijiet tal-bniedem hawn Malta, fejn kienet ukoll toffri għajnuna legali b'xejn għal dawk in-nies li jkollhom bżonn. Qal li f'dawn l-aħħar snin, meta saret it-transpożizzjoni tal-liġijiet Ewropej tal-ażil, l-NGO tiegħu kienet ikkontribwiet billi għaddiet diversi kummenti ta' natura tekniċi lill-Ministeru tal-Intern, partikolarment fejn kien hemm kwistjonijiet ta' proċedura aċċellerata tal-ażil.

16. Waqt l-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2023, l-Aġenzija intimata ppreżentat nota flimkien ma' affidavit tal-**Avukat Sara Ezabe**[9], li taħdem fl-istess Aġenzija intimata. Fl-imsemmi affidavit, ix-xhud spjegat kif ir-rikorrent kien ikkomunika mal-Aġenzija intimata fit-13 ta' Jannar, 2020, għaliex xtaq li japplika għall-Protezzjoni Internazzjonali, u għalhekk ġie assenjat *case officer.* L-intervista mar-rikorrent saret fis-17 ta' Ġunju, 2020, fejn ġie mistoqsi dwar ir-raġunijiet tiegħu għat-talba għall-ażil. Sussegwentement tħejja rapport dwar il-każ tiegħu, u saru verifiki ulterjuri, iżda t-talba tar-rikorrent ġiet miċħuda bħala *'manifestly unfounded'*. Ix-xhud ippreżentat kopja tar-rapport, flimkien mal-affidavit tagħha.[10] Spjegat kif l-Aġenzija intimata kkunsidrat li l-Marokk huwa meqjus skont l-Att għall-Protezzjoni Internazzjonali bħala *'a safe country of origin',* u kopja tad-deċiżjoni finali ġiet ippreżentata wkoll mix-xhud.[11] Skont l-informazzjoni li kellha x-xhud, qalet li ċ-*Chairperson* tat-Tribunal kien qabel mad-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata.

[9] Dok. SE *a fol.* 106 tal-proċess.
[10] Dok. SE 1 *a fol.* 108 tal-proċess.
[11] Dok. SE 2 *a fol.* 107 tal-proċess.

17. Waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2023, xehed ir-rikorrent bl-ilsien Għarbi tradott għall-Malti mill-interpretu Miriam Bouhadi. Ikkonferma li huwa kien mar ippreżenta applikazzjoni għall-ażil ġewwa Santa Venera fi Frar jew Marzu tas-sena 2020, li ħabat maż-żmien tal-pandemija tal-COVID. Fl-ewwel intervista tiegħu mal-*case worker,* qal li kellu nterpretu Marokkin, u ma setax jifhmu sew. Qal ukoll li l-interpretu ma tantx wassal it-tweġibiet tiegħu sew, u spjega li huwa kien mis-Sahara, u kellu d-djalett tiegħu. L-interpretu dak il-ħin kien Tuneżin. Ir-rikorrent ikkonferma li huwa kien ingħata l-opportunità li jesprimi ruħu, u l-intervista kienet damet kważi siegħa jew sagħtejn. Ikkonferma li wara kienet ittieħdet id-deċiżjoni, huwa kien ingħata kopji tad-dokumenti, u dawn kienu għandu. In kontro-eżami, ir-rikorrent iċċara li huwa kellu żewġ intervisti, l-ewwel waħda kienet ta' xi tletin minuta u t-tieni waħda ta' xi sagħtejn, u d-deċiżjoni ttieħdet sena wara. Din kien sar jaf biha meta mar iġedded l-*Asylum Seeker Document,* u qalulu li kien hemm deciżjoni fil-konfront tiegħu. Dakinhar kien hemm il-*case worker* u l-interpretu preżenti, u dawn kienu spjegawlu x'kellu jagħmel, filwaqt li tawh ħafna karti li minnhom ma fehem xejn, u qalulu li huwa seta' jappella mid-deċiżjoni jekk ma kienx jaqbel magħha. Ir-rikorrent qal ukoll li jekk jappella, kien ser ikun għalxejn.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

18. Il-Qorti tikkunsidra li għandha qabel xejn tqis it-tielet eċċezzjoni tal-intimati, fejn huma qegħdin jirrilevaw li m'hemm l-ebda deċiżjoni tat-Tribunal tal-21 ta' April, 2021 fil-konfront tar-rikorrenti, u għalhekk it-tieni talba tiegħu ma tistax tintlaqa'. Tagħraf li hija proprju d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata li ttieħdet f'dik id-data, u dan kif jirriżulta minn kopja ta' dik id-deċiżjoni Dok. TB2

*a fol.* 10 tal-proċess, li ġiet esebita mir-rikorrent stess. Il-Qorti tirrileva li oriġinarjament l-proċeduri odjerni ġew intavolati kontra l-ewwel tliet intimati, inkluża għalhekk l-Aġenzija intimata, iżda t-tieni talba tiegħu xorta waħda kienet diretta lejn id-deċiżjoni allegatament tat-Tribunal tal-21 ta' April, 2021. Saħansitra fit-tielet premessa tiegħu, ir-rikorrent irrileva li huwa kien qed jesebixxi Dok. TB2 mar-rikors promotur tiegħu, u ddeskrivih bħala kopja tad-deċiżjoni tat-Tribunal, meta filfatt il-Qorti tagħraf li d-deċiżjoni hija dik tal-Aġenzija intimata sussegwenti għall-intervista li kienet saritlu. Meta sussegwentement ir-rikorrent talab għal korrezzjoni fir-rikors promotur, huwa talab li jidħol l-imsemmi Tribunal bħala intimat fil-proċeduri, iżda ma ntalbet l-ebda korrezzjoni fir-rigward tad-data tad-deċiżjoni tal-istess Tribunal allegatament leżiva. Il-Qorti tifhem li tali deċiżjoni kienet dik tat-28 ta' April, 2021, iżda ġaladarba l-parametri tal-azzjoni odjerna ġew stabbiliti mir-rikorrent stess, hija m'għandha l-ebda setgħa li tiddeċiedi dwar fatti u kwistjonijiet li jaqgħu 'l hemm minn dawn il-parametri. Tgħid li ir-rikorrent tassew kellu juri iktar attenzjoni u jieħu ħsieb li l-fatti spjegati fir-rikors tiegħu kienu korretti u jirriflettu l-fatti kif tassew ġraw, għaliex il-Qorti tagħraf li hemm konfużjoni dwar min ħa d-deċiżjoni tal-21 ta' April, 2021, u d-deċiżjoni aħħarija tat-28 ta' April, 2021, li ddeċidiet finalment l-applikazzjoni tiegħu għall-ażil hawn Malta. Ikkunsidrat ukoll li huwa kellu kull opportunità li jitlob korrezzjoni fid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal matul dawn il-proċeduri, iżda dan naqas ukoll milli jagħmlu.

19. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis ukoll li għandha tastjeni milli tikkunsidra t-talbiet l-oħra tar-rikorrenti li jsegwu. Dan filwaqt li tagħraf li l-ewwel talba tiegħu tolqot proprju l-kwistjoni jekk l-imsemmija applikazzjoni

tiegħu għandhiex tintlaqa' fil-mertu, liema kwistjoni ma tistax tiġi deċiża minn din il-Qorti, stante li l-kompetenza tagħha hija limitata għal kwistjonijiet ta' natura ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Għaldaqstant għandha wkoll tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba tar-rikorrent.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-intimati, tiċħad it-tieni talba tar-rikorrent, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tat-talbiet tiegħu.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jitħallsu in kwantu għal tliet kwarti (3/4) mir-rikorrent, u in kwantu għar-rimanenti kwart (1/4) mill-intimati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**